# Iż-Żgħażagħ dwar iż-Żwieġ u l-Familja

## Memorandum miż-Żgħażagħ

**2009**

kummissjoni djoċesana żgħażagħ

## MEMORANDUM MIŻ-ŻGĦAŻAGĦ

# Iż-Żgħażagħ dwar iż-Żwieġ u l-Familja

## INTRODUZZJONI

Fuq inizjattiva tal-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ, żgħażagħ minn madwar Malta li qed jagħmlu mixja ta' fidi, l-maġġoranza tagħhom membri ta' għaqdiet u movimenti taż-żgħażagħ fi ħdan il-Knisja f'Malta ltaqgħu sabiex jiddiskutu l-akbar kapital fis-soċjetà – il-familja - waqt forum għaż-żgħażagħ li sar fil-Kappella tal-Universitá nhar il-Ħamis 23 ta' Mejju.

Matul dan il-forum ġew diskussi numru ta' punti li ħarġu minn sensiela ta' diskussjonijiet li saru fi ħdan id-diversi għaqdiet u movimenti għal żgħażagħ li qed jagħmlu mixja ta' fidi Nisranija f'Malta. Id-diskussjonijiet kienu mibnija fuq kwestjonarju mħejji mill-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ biex jiġi mifhum aħjar x'jifhmu ż-żgħażagħ b'familja u dak kollu li jista' jsaħħaħ jew idgħajjef il-familja, kemm fil-preżent u fil-futur.

Nhar it-3 ta' Marzu 2009, il-Kummisjoni Djoċesana Żgħażagħ kienet waħda minn għaqdiet nazzjonali oħrajn taż-żgħażagħ mistiedna sabiex jiddiskutu ż-żgħażagħ u l-familja mal-Kumitat dwar l-Affarijiet Soċjali tal-Parlament Malti. Dakinhar Il-Membri tal-Kumitat dwar l-Affarijiet Soċjali qalu lir-rappreżentanti tal-għaqdiet taż-żgħażagħ li huma lesti jilqgħu kull stedina minn għaqdiet taż-żgħażagħ għaliex jixtiequ jisimgħu aktar liż-żgħażagħ. Il-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ laqgħet l-istedina tal-Kumitat dwar l-Affarijiet Soċjali u stiednet lill-Membri Parlamentari miż-żewġ naħat tal-Kamra sabiex jisimgħu liż-żgħażagħ x'għandhom xi jgħidu fuq il-familja.

Mit-tweġibiet Il-kwestjonarju, jidher ċar li ż-żgħażagħ ta' dawn l-għaqdiet jaqblu li l-familja hija l-ewwel komunità ta' persuni li b'imħabba, impenn, rispett u solidarjetà jaqsmu kollox bejniethom: jaqsmu l-valuri, jaqsmu id-dħul finanzjarju min jaħdem ma' min ma jaħdimx, jaqsmu l-ikel, jipprovdu l-kenn lil xulxin, ħwejjeġ u akkomodazzjoni. Il-familja hija primarjament għaqda formali u dejjiema bejn mara u raġel, permezz ta' żwieġ, kemm quddiem l-Istat jew il-Knisja, li jikkontribwixxu wkoll għall-kura fit-tul u kura informali, it-trobbija sana tat-tfal, jagħmlu x-xogħol domestiku flimkien u jqattgħu ħin ta' divertiment u mistrieħ flimkien.

Is-soċjetà Maltija hija ntrinsikament mibnija fuq il-valur tal-familja u allura kull sforz għandu jsir sabiex din l-istituzzjoni tissaħħaħ b'mod komprensiv. Jekk tissaħħaħ il-familja – tisaħħaħ is-soċjetà.

## IL-MISTOQSIJIET TAL-KWESTJONARJU

### X'nifhmu b'familja?

Iż-żgħażagħ li rrispondew għal-kwestjonarju sostnew li **l-familja hija l-pedament tas-soċjetà**. Iż-żgħażagħ kollha spjegaw l-importanza tal-valuri universali tal-familja bħal l-imħabba, ir-rispett, l-impenn dejjiemi, ħbiberija, kompatabilità, fiduċja, fedeltà, sagrifiċċju u kommunikazzjoni.

Iż-żgħażagħ irrikonnoxxew li fis-soċjetà jeżistu tipi differenti ta' relazzjonijiet oħra bħal tfal li jgħixu ma' ġenitur wieħed minħabba mewt jew separazzjoni, aħwa li jgħixu flimkien, koppji f'koabitazzjoni, ħbieb u persuni tal-istess sess li jistgħu jiddeċiedu li jgħixu flimkien. Iż-żgħażagħ għarfu li l-istat għandu jirrikonoxxi u jħares id-dinjità u d-drittijiet tal-persuni f'relazzjonijiet bħal dawn. Iżda fl-istess ħin saħqu li dan ma għandux isir a skapitu tal-familja, u l-familja għandha tibqa' dejjem tiġi mifhuma bħala magħmula minn mara u raġel li jiżżewġu sabiex jikkonsolidaw l-imħabba tagħhom u bl-intenzjoni li jġibu t-tfal.

### X'nifhmu bi żwieġ?

It-tweġiba għal din il-mistoqsija kienet ikkaraterizzata minn risposti li jiddistingwixxu rabta legali għal dejjem quddiem l-Istat jew permezz tas-sagrament quddiem Alla permezz tal-Knisja. Din ir-rabta tbiddel il-futur tal-ħajja tal-mara u tar-raġel, għaliex b'hekk ikunu jistgħu jiffurmaw il-familja ġdida tagħhom. Iż-żwieġ huwa patt bejn il-mara u r-raġel, li b'mod liberu jwegħdu fedeltà u responsabilità lil xulxin għal dejjem mingħajr ebda kundizzjonijiet. Huwa il-bieb li hekk kif ir-raġel u l-mara jgħaddu minnu huma jsiru familja.

### X'għandha tkun il-politika tal-Istat dwar il-familja?

L-Istat għandu jfassal politika nazzjonali għall-familja li tirrikonoxxi u tippremja ż-żwieġ u l-familja. Fi kliem iż-żgħażagħ, t-tisħiħ tal-familja isaħħaħ is-soċjetà u jnaqqas il-problemi soċjali. Għaldaqstant il-filosofija wara kull miżura u servizz tal-Istat li jiġu mfassla u mplimentati għandhom ikollhom il-familja fil-qalba tal-ħsieb tagħhom.

**X’nixtiequ li jipprovdi l-Istat qabel iż-żwieġ/matul l-għerusija, u fiż-żwieġ?**

Iż-żgħażagħ qablu li l-istat għandu jkun attur ewlieni, bi sħab ma’ stakeholders oħra fostom il-Knisja, biex jgħin liż-żagħżagħ jifhmu aħjar xi tfisser tiżżewweġ u tibni familja, u fl-istess ħin jgħinhom biex jagħmlu dan il-pass. Unanimament qablu li l-istat għandu jiffaċilitá u jgħin liż-żgħażagħ biex jiffurmaw il-familja tagħhom u l-familja, b’mod speċjali l-vulnerabilità tal-familji ġodda, għandha tibqa' jkollha mportanza fl-aġenda tal-pajjiż.

***Qabel iż-żwieġ/matul l-għerusija***

Edukazzjoni favur relazzjonijiet sodi

Iż-żgħażagħ spjegaw kif edukazzjoni favur relazzjonijiet sodi għandha tibda minn etá żgħira u tinkludi kemm l-edukazzjoni formali fl-iskejjel kif ukoll dik informali.

Ingħataw numru ta’ suġġerimenti li jinkludu inċentivi lil artisti lokali biex joħolqu stejjer u/jew cartoons għat-tfal żgħar li jisħqu fuq il-valur u l-importanza tal-familja. Issemmew ukoll forom ta’ edukazzjoni lill ġenituri dwar kif jistgħu iwasslu dawn il-valuri lill-uliedhom.

Fuq livell ta’ edukazzjoni formali issemmiet l-edukazzjoni dwar il-familja bħala parti mill-kurrikulu tal-Personal and Social Development. Issemmiet ukoll l-importanza ta’ edukazzjoni dwar il-medja u l-importanza li din tiġi użata b’moħħ kritiku. L-edukazzjoni għandha tinkludi tagħlim favur is-saħħa sesswali u s-sesswalità.

L-edukazzjoni għandha tkun proċess kontinwu li jikber mal-persuna u tkompli saħansitra wara ż-żwieġ. Dawn il-valuri għandhom jgħinu meta dawn it-tfal jikbru u jibdew jaħsbu għall-familji tagħhom.

L-għaqdiet taż-żgħażagħ fil-komunità

L-Istat għandu jgħin direttament u indirettament lill-għaqdiet taż-żgħażagħ fil-komunità. Dan jista’ jsir permezz ta’ għajnuna għall-ingaġġ ta’ professjonisti li jistgħu jikkumplimentaw il-ħidma tal-volontiera. L-għaqdiet taż-żgħażagħ fil-komunità huma post idejali fejn iż-żgħażagħ jiltaqgħu u jibdew ir-relazzjonijiet tagħhom li jistgħu jwasslu għaż-żwieġ u l-bidu ta’ familja, filwaqt li dawn huma postijiet fejn iż-żgħażagħ ikunu edukati għall-ħajja.

Preparazzjoni ta’ qabel iż-żwieġ

L-Istat għandu jirrikonoxxi li aktar koppji qed jiżżewġu bl-Istat biss. Filwaqt li l-Knisja toffri t-taħriġ tagħha f’dan il-qasam, l-Istat ma għandux taħriġ mandatorju għal dawk il-koppji li jiżżewġu biċ-ċivil. Hawn iż-żgħażagħ issuġġerew li l-istat għandu jibda jipprovdi tħejjija tal-koppji li jiżżewġu biċ-ċivil biss. Fl-istess ħin iż-żgħażagħ irrikomandaw ukoll forom ta’ kollaborazzjoni bejn is-servizzi li diġa toffri l-Knisja u dawk tal-Istat, fost l-oħrajn billi l-istat jipprovdi is-servizzi ta’ professjonisti għall-korsijiet ta’ Kana. Is-servizz tal-Knisja u l-Istat jistgħu jikkumplimentaw ħafna lil xulxin għal-preparazzjoni tal-koppji u dawn għandhom jiggarantixxu livell ta’ tagħlim professjonali u minn koppji miżżewġa sabiex jiġu diskussi l-esperjenzi kollha, inkluż dawk soċjali, ekonomiċi (li wieħed ma jonfoqx aktar milli jmissu), psikoloġiċi u temi oħrajn li jikkonċernaw is-sesswalità.

Ix-xiri tal-ewwel dar

Tista’ tgħid li ż-żgħażagħ qablu unanimament li waħda mill-ikbar problemi li jaffaċċjaw meta jiġu biex jiffurmaw familja huwa x-xiri (jew il-kiri) tal-post fejn il-familja tagħhom tkun se tgħix. L-impatt finanzjarju tax-xiri tal-propjetà, minħabba l-prezzijiet esaġeratament għoljin, jwassal għal stress żejjed li jikkomprometti r-relazzjoni bejn il-koppja, jnaqqas il-ħin kwalitattiv u l-kommunikazzjoni, u jipposponi l-fertilità tal-koppja. Intqal li s-suq tal-kiri għadu mhux kompetittiv biżżejjed u propjetajiet qed jinkrew minn 700 Euro fix-xahar li jfisser prezzijiet li żgur ma jirriflettux il-pagi tal-koppji llum il-ġurnata.

F’dan l-isfond issemmiet proposta ta’ lista’ ta’ prezzijiet benchmark mibnija fuq korrelazzjoni bejn lokalitá, d-daqs u t-tip tal-propjetá.

Il-banek u d-dejn

Iż-żgħażagħ semmew kif l-Istat għandu jippermetti self li jkun soċjalment aċċettabbli u ma jippermettix sfruttament. Ġie ssuġġerit li l-istat għandu jikkontrolla iktar is-self mill-banek kif ukoll il-modi kif il-banek jirreklamaw u jħajru lill-koppji jissellfu.

It-tiġijiet

Iż-żgħażagħ innutaw li teżisti pressjoni qawwija fuq l-importanza ta’ tieġ sabiħ u dan qed ikompli jżid il-piż finanzjarju fuq il-koppja. L-istat jista’ jikkontrolla ż-żieda fil-prezzijiet jew idaħħal miżuri li jħajru infieq inqas fuq it-tiġijiet. L-edukazzjoni tista’ tgħin ukoll.

***Fiż-żwieġ***

Bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja

Iż-żgħażagħ saħqu li miżuri favur bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja għandhom ikunu pilastru mportanti għat-tisħiħ tal-familja. Ma jistax ikun li jkollna koppji jew ġenituri nviżibbli minħabba x-xogħol.

Xi żgħażagħ esprimew pożizzjoni favur il-Working Time Directive li timponi massimu ta' 48 siegħa kemm employer jista' jimpjega lill-ħaddiem u saħqu li din tippermetti lil koppja jkollha iżjed ħin flimkien. Il-ħaddiem bħala individwu ma għandux bargaining power mal-employer u għalhekk il-faċilitá li wieħed jagħżel kemm irid jaħdem tista' ma tkunx realistika.

Iż-żgħażagħ tennew ukoll pożizzjoni favur sussidji li jiffaċilitaw li wieħed mill-ġenituri jibqa' d-dar sakemm it-tarbija jkollha mill-anqas tliet snin.

Edukazzjoni

Iż-żgħażagħ saħqu li l-edukazzjoni għandha tkompli anki wara ż-żwieġ. Waqt li diġá jeżistu numru ta' programmi ta' counselling u *Family Therapy Services*, ssemmew il-bżonn ta' programmi li jagħtu mportanza lill-formazzjoni tal-koppja fuq il-valuri u l-importanza tar-rispett, il-fedeltà, il-komunikazzjoni u l-impenn bejn il-koppji. Is-servizzi jridu jkunu jgħinu b'mod prattiku lill-ġenituri fit-trobbija aħjar tat-tarbija, pariri għal saħħithom u dik tat-tarbija, u oħrajn li jnaqqsu r-riskji ta' faqar relattiv, bħal użu tal-flus. Għandu jsir sforz sabiex l-omm u dawk ta' madwarha, inaqqsu imġieba ħażina li jista' jkollha effett fuq it-tarbija. Issemmew ukoll inizjattivi bħal mentoring għall-koppji żgħażagħ minn koppji u/jew professjonisti kif ukoll servizzi ta' għajnuna fid-dar. F'dan l-isfond kien hemm enfasi li l-kultura dwar il-counselling trid tinbidel u dan ma jibqax tabu, u għalhekk l-edukazzjoni għandha tiffoka fuq dan ukoll.

Il-kwalità tal-edukazzjoni fl-iskejjel tal-Istat

L-Istat irid jiggarantixxi li l-edukazzjoni fl-iskejjel tal-Istat tkun waħda ta' kwalità għolja u li ma tagħtix lok għal spejjeż żejda fejn il-ġenituri jkollhom jibgħatu t-tfal tagħhom għal-lezzjonijiet privati. Għandu jsir ukoll sforz biex jitnaqqas l-elitiżmu bejn skola u oħra u skejjel tal-Knisja jiġu mgħejjuna anki fuq proġetti kapitali.

Il-paga minima
Mill-kwestjonarji ġie rikonoxxut li l-paga minima għanda tiġi riveduta sabiex ikun hemm distakk bejn il-benefiċċji soċjali u l-paga minima. B'hekk insaħħu l-kultura tax-xogħol u nnaqsu dik tal-benefiċċji soċjali.

Ċentri tat-tfal *low cost* u l-*flexitime*
Fil-kwestjonarji kollha ġie miktub il-ħsieb taż-żgħażagħ għal aktar ċentri tat-tfal *low cost* u aktar *flexitime* għall-ġenituri. Issemma wkoll l-fatt li l-ħinijiet tal-għeluq tal-iskejjel ma jirriflettix il-ħinijiet tax-xogħol tal-ġenituri u l-iskejjel jistgħu ikunu ċentri tat-tfal wara l-ħin tal-iskola.

Miżuri favur il-familja fil-privat
Iż-żgħażagħ saħqu li filwaqt li l-gvern għandu diversi inċentivi favur il-familja għall-impjegati tiegħu dawn ma jingħatawx lil min jaħdem fis-settur privat. Issuġġerew skemi li jinkuraġġixxu lill-kumpanniji biex jdaħħlu iżjed miżuri favur il-familja bħall-*flexitime*, *leave* għal kura informali tal-membri tal-familja u ammont minimu ta' leave li persuna trid tieħu fis-sena biex tqattgħu ma' tad-dar. Dwar *maternity leave* diversi kienu dawk li semmew li dan għandu jiżdied. Issuġġerew ukoll miżuri li ma jippermettux diskriminazzjoni man-nisa miżżewġa meta dawn ifittxu xogħol.

Miżuri li ma jippenalizzawx lill-familja
Iż-żgħażagħ qablu li kull miżura legali, fiskali u soċjali li tiddiskrimina minflok tgħin liż-żwieġ u l-familja għandha titneħħa. Ċertu benefiċċji soċjali li qegħdin iżommu xi persuni marbutin fi stat ta' ħajja apposta biex jibqgħu igawdu minn dawn il-benefiċċji soċjali, għandhom jiġu riveduti u mixtarra. Dawn il-benefiċċji soċjali, oriġinarjament maħsuba li joħolqu ġustizzja soċjali, illum qegħdin jispiċċaw iwasslu għal inġustizzja soċjali, kemm mal-istess persuni li jinqabdu fil-benefiċċju kif ukoll mal-kumplament tas-soċjetà li qed tispiċċa tagħmel tajjeb sabiex tħallas għal min jiddeċiedi li jibqa' jgħix fil-kundizzjoni li tagħmlu applikabbli għal dawn il-benefiċċji soċjali bħal ommijiet xebbiet u tfal reġistrati bla missier.

Miżuri oħrajn
Wara analiżi tal-kompetittività lokali, iż-żgħażagħ semmew kif iċ-*Children's Allowances* jistgħu jiġu riveduti quddiem ir-rejalta ta' familji u tfal fir-riskju tal-faqar relattiv.

It-tagħlim tul il-ħajja għandu jiġi inkuraġġit partikolarment għal dawk il-ġenituri miżżewġin li jixtiequ jiehdul-ewwel *degree* fl-Università. Dawn il-ġenituri għandhom jingħataw l-istipendju wkoll.

Iż-żgħażagħ jixtiequ li l-familji jkollhom aktar għajnuniet finanzjarji għal kull wild li jitwieled sabiex tiżdied il-popolazzjoni u tnaqqis mit-taxxi għall-ommijiet li jerġgħu jidħlu fid-dinja tax-xogħol.

Fid-dawl li familji stabbli jnaqqsu mill-ispiża soċjali tal-Istat, iż-żgħażagħ qed jipproponu *cash bonuses* għal kull anniversarju tal-ħajja miżżewġa. Dan għandu jkun rikonoxximent mill-Istat għal ġid li joħolqu familji stabbli lis-soċjetà.

<u>Għajuna lill-familji bil-problemi</u>
Iż-żgħażagħ qed jirrakomandaw lill-Istat sabiex isir kull sforz ħalli koppji fi kriżi jingħataw is-sapport kollhu neċessarju ħalli jifhmu x'inhuma l-konsegwenzi tal-ġlied jew saħansitra separazzjoni fuqhom u fuq it-tfal bla ħtija. Dawn għandhom jingħataw terapija tal-koppja u tal-familja li twassal għal relazzjoni stabbli u twaqqaf is-separazzjoni.

Madanakollu, dawk il-ġenituri li jagħżlu li jmorru għas-separazzjoni għandhom jingħataw kull informazzjoni u taħriġ fosthom l-importanza tal-ħin mat-tfal, l-aċċess għat-tfal li jiġi eżerċitat mill-ġenituri b'mod ugwali, kif titwarrab ir-rabja, l-għira u l-egoiżmu u jinżamm l-interess tat-tfal bħala prijorità ewlenija. Il-ġenituri ma għandhomx jieħdu interess biss fuq kif ser tinqasam il-proprjeta u l-assi, iżda għandhom ikunu sensittivi u responsabbli lejn l-uġieħ li jesperjenzaw it-tfal. It-tfal ma għandhom qatt ibatu minħabba l-egoiżmu tal-kbar.

<u>Fiera annwali fil-festa tal-familja</u>
Il-familja għandha tiġi ċċelebrata fuq skala nazzjonali. Is-suċċessi u l-benefiċċji tal-familja u ż-żwieġ għandhom jiġu ċċelebrati. L-Istat għandu jibgħat fuljetti informattivi fid-djar sabiex jgħallem fuq aspetti differenti tal-familja.

<u>L-istazzjonijiet tal-Medja tal-Istat</u>
Iż-żgħażagħ jixtiequ li l-istazzjon tal-Istat, għandu jippromovi dejjem aktar il-valuri tal-familja u mhux il-kontra. Kemm–il darba jittellgħu programmi fuq id-divorzju u s-separazzjoni, filwaqt li tingħata ferm inqas importanza lill-familja u ż-żwieġ u dak kollu li jsawwarha u dan minkejja li l-maġġoranza

assoluta tal-Maltin jgħixu f'familji stabbli. Il-*media* għandha tendenza li ssemmi l-aspetti negattivi tal-familja waqt li twarrab dawk pożittivi, bir-riżultat finali jkun li l-ġenerazzjoni żgħażugħa qed tikber f'soċjetà mimlija biża' filwaqt li ma nsaħħux il-ħafna tajjeb li diġa jeżiżti.

**X'inhuma id-diffikultajiet u l-ostakli li jsibu ż-żgħażagħ sew fi żmien l-għerusija kif ukoll fiż-żmien li jkunu qegħdin jibnu l-familja tagħhom?**

L-implimentazzjoni tal-miżuri msemmija hawn fuq jgħinu ħafna sabiex iż-żgħażagħ jegħlbu d-diffikultajiet u l-ostakli li tista' ġġib il-formazzjoni ta' familja ġdida. Iż-żgħażagħ spjegaw kif il-ħajja mgħaġġla li qed jgħixu fiha llum, ta' spiss tħalli effett negattiv kemm fuq il-koppja u l-familja. Konsegwenza t'hekk, ħafna drabi iż-żwieġ jgħaddi minn bosta tlajjiet u nżul. Inħass qbil ġenerali li fost il-problemi li koppja tiltaqa' magħhom kemm fl-għerusija u kif ukoll fil-ħajja miżżewġa huma:

- Id-djun mal-banek;
- Nuqqas ta' komunikazzjoni bejn il-koppja;
- Nuqqas ta' xogħol jew il-bżonn ta' aktar xogħol biex wieħed jgħin lill-familja;
- Distrazzjonijiet fis-soċjetà bħalma hi l-media;
- Pressjoni mis-soċjetà li twassal għall-koppja jiżżewġu kontra l-volontà tagħhom;
- Nuqqas ta' tagħlim.

Fir-risposti tal-kwestjonarju isemma wkoll il-lingwaċċ li sar jintuża meta persuna tkun qed tirreferi għaż-żwieġ bħal: "irċievejna ċitazzjoni", "biċ-ċinga", "ser jitgħallaq" jew "kaxxa magħluqa". Għalkemm għal ħafna dan ma jfisser xejn, dan ikun qed jitfa' dawl ikrah fuq iż-żwieġ u l-familja.

**Ir-relazzjoni bejn l-Istat u l-Knisja?**

Filwaqt li ż-żgħażagħ fehmu d-distinzjoni bejn l-Istat u l-Knisja, huma qablu fuq ir-rwol tal-knisja li tieħu sehem sħiħ u ssemma leħinha fit-tfassil ta' liġijiet imdawla mill-valuri umani u Kristjani.

**Iż-żgħażagħ li pparteċipaw f'dan l-eżerċizzju huma ġejjin minn dawn l-għaqdiet:**

Link – Qormi
Grupp Nażżarenu – Sliema
(ŻAK) Żgħażagħ Azzjoni Kattolika
(ŻĦN) Żgħażagħ Ħaddiema Nsara
(ŻYM) Żejtun Youth Mass
Chapliancy – Università ta' Malta
Belong
Youth Fellowship
SPYS (Salesian Pastoral Youth Service)
MKSU (Moviment Kattoliku Studenti Universitarji)
Ipparteċipaw f'dan il-forum żgħażagħ minn dawn l-għaqdiet flimkien ma' żgħażagħ minn għaqdiet oħrajn fi ħdan il-parroċċi u d-Djoċesi f'Malta.